MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Numru 20/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Christopher Philip Agius**

Il-Qorti

**Din is-Sentenza hija limitata għall-eċċezzjonijiet ta' Christopher Philip Agius u tal-Avukat Ġenerali**

Rat l-att tal-akkuża

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010), l-pulizija ġew infurmati minn Maria Muscat nee Briffa li hi kienet ġiet aggredita minn żewġ persuni fejn kien sar tentattiv biex jittieħdilha l-ġiżirana li kienet liebsa f'għonqa dak il-ħin. Hi filfatt stqarret li fil-kors ta' dan it-

tentattiv subiet ħsarat f'din il-ġiżirana u di piu hi soffriet ukoll ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tagħha kif debitament iċċertifikat. Matul l-investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li dawn il-persuni involuti f'dan ir-reat kienu l-akkużati Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius.

Illi rriżulta li dakinhar tat-22 ta' Awwssu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tal-bejn il-ħamsa u s-sitta ta' wara nofs inhar (5:00pm – 6:00pm ċirka), Maria Muscat, mara ta' ħamsa u sittin sena (65), kienet bilqegħda fi Pjazza fil-belt Valletta fejn innutat lill-akkużati jduru l-akkwati għal madwar għoxrin minuta (20). Hi minn hemmhekk qasmet għal fuq mejda ta' Café Cordina u wara madwar ħames minuti l-akkużati Vella u Agius aggredew lil Maria Muscat nee Briffa u bil-ħsieb li jikkomettu delitt ta' serq aggravat urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekużżjoni tad-dellitt billi ġubdulha l-ġiżirana tad-deheb li hi kienet liebsa dak il-ħin. Filfatt din il-ġiżirana tqaċċtet minn fuq il-persuna tal-vittma u hi sfat mitfugħa mal-art bis-siġġu b'kollox fejn sofriet ferita gravi f'minkbejha apparti tbenġil fil-parti leminija ta' ġisimha.

Illi jirriżulta li l-vittma fil-kors ta' dan it-tentattiv ta' serq, affaċjat lill-akkużati u b'hekk l-malviventi telqu jiġru minn fuq il-post dak il-ħin. Hi filfatt kienet f'posizzjoni li tagħraf liż-żewġ akkużati u tidentifikhom skond il-liġi bħala l-individwi li kkomettew dan it-tentattiv fuqha u fuq il-propjeta` tagħha. Fortunatament, il-ġiżirana waqgħet mal-art u għalhekk minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volonta tal-akkużati r-reat ta' serq aggravat ma ġiex eżegwit. Di piu li kieku dan id-dellitt ġie eżegwit kien ikun aggravat bil-valur tal-ħaġa misruqa li teżorbita l-ammont ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u bil-vjolenża kontra l-persuna ta' Maria Muscat.

Illi b'għemilhom Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius saru ħatja li fit-22 ta' Awwissu 2010, fil-Belt Valletta,

fil-ħinijiet indikati, bil-ħsieb li jikkomettu delitt ta' serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Muscat nee` Briffa, mara ta' l-fuq minn sittin (60) sena, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tagħhom u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenża, meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena u bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€232.49) iżda ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil Charles Ryan Vella u lil Christopher Philip Agius ħatja ta' bil-ħsieb li jikkomettu delitt ta' serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Muscat nee` Briffa, mara ta' l-fuq minn sittin (60) sena, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta` tagħhom u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena u bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€232.49) iżda ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37); talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija ta' mhux iktar minn tletin sena (30) iżda mhux inqas minn sitt snin priġunerija (6) kull wieħed skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(c), 262(1)(a)(b)(2), 267, 274(a), 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3), 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

U peress illi l-imsemmi akkużat Christopher Philip Agius kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Christopher Philip Agius datat it-12 ta' April tas-sena elfejn għaxra (2010),

jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta’ l-Att dwar il-Probation (Kap 446) fil-konfront tiegħu biss.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel kap ta’ din l-att tal-Akkuża u ċioe` fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta ta’ bejn il-ħamsa u s-sitta ta’ wara nofs in-nhar (5:00pm-6:00pm ċirka) ġewwa l-Belt Valletta, l-akkużati volontarjament użaw vjolenża waqt l-aggressjoni fuq il-persuna ta’ Maria Muscat nee` Briffa, u dan sabiex jippruvaw jisirqulha l-ġiżirana tad-deheb li hi kienet liebsa dak il-ħin stess. Illi b’riżultat ta’ din il-vjolenza, Maria Muscat nee` Briffa, ġiet ċċertifikata li qed tbagħti minn ġrieħi ta’ natura gravi li ġew ikkawżati meta l-aggressuri u ċioe` l-akkużati kienu qedgħin jissarraw mal-vittmi bl-intendiment li joħdulha l-ġiżirana li filfatt tqaċċtet minn mal-persuna tagħha.

Illi b’għemilhom l-imsemmija Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius saru ħatja talli, kkaġunaw feriti ta’ natura gravi fuq persuna, billi kkaġunaw jew x’aktarx ikkaġunaw debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem, u liema persuna għalqet l-eta` ta’ sittin sena.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius, ħatja talli, kkaġunaw ferita ta’ natura gravi fuq persuna, billi kkaġunaw jew x’aktarx ikkaġunaw debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem, u meta l-persuna offiża għalqet l-età ta’ sittin sena; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta’ mhux inqas minn tmientax il-xahar (18) u mhux iktar minn għoxrin sena (20) priġunerija kull wieħed skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 218(1)(a)(2), 222A, 17, 31 u 533 tal-Kodiċi

Kriminali jew għall kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużati.

U peress illi l-imsemmi akkużat Christopher Philip Agius kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Christopher Philip Agius datat it-12 ta’ April tas-sena elfejn għaxra (2010), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta’ l-Att dwar il-Probation (Kap 446) fil-konfront tiegħu biss.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel kap ta’ din l-att tal-Akkuża u ċioe` fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta ta’ bejn il-ħamsa u s-sitta ta’ wara nofs in-nhar (5:00pm-6:00pm ċirka) ġewwa l-Belt Valletta, irriżulta li fil-kors tal-aggressjoni kontra l-persuna ta’ Maria Muscat nee Briffa, l-akkużati volontarjament qaċċtu l-ġiżirana li kienet liebsa f’dak il-mument biex jippruvaw jisirquwielha minn fuqha, tant li b’riżultat din il-ġiżirana inkissret u ma tistax tissewwa. Il-valur tal-ġiżirana mkissra appartenenti lill-vittma kienet tammonta għal iktar minn mitejn Lira Maltin equivalenti għal madwar erba mija ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87).

Illi b’għemilhom l-imsemmija Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius saru ħatja talli volontarjament ħassru, għamel ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b’dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius, ħatja talli, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b’dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47); talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati

kull wieħed għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur (5) sa sena (1) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

U peress illi l-imsemmi Christopher Philip Agius kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Christopher Philip Agius datat it-12 ta' April tas-sena elfejn għaxra (2010), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446) fil-konfront tiegħu biss.

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru 2011 li fih il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju.

Semgħet il-partijiet jittrattaw.

Ikkonsidrat

Nota tal-eċċezzjonijiet ta' Christopher Philip Agius

**<u>L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet huma t-tnejn dwar l-Ewwel Kap tal-akkuża.</u>**

**L-ewwel eċċezzjoni - Nullita' tal-Ewwel Kap tal-akkuża li huwa dwar tentattiv ta' serq bi vjolenza**

Skont ir-rikorrent l-Ewwel Kap huwa null għaliex għalkemm ġie ċitat l-artikolu 274(a) tal-Kodiċi Kriminali fil-parti narrativa tal-istess kap ma ġiex indikat li l-allegata offiża ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kap 9.

Ikkonsidrat

Illi fil-parti narrativa hemm il-kelmiet ' hi sofriet ukoll grieħi ta' natura gravi fuq il-persuna kif debitament iċċertifikat' kif ukoll 'fejn sofriet ferita gravi f'minkbejha apparti tbenġil fil-parti leminija ta' ġisimha.'

L-artikolu 274 (a) jipprovdi kif ġej:

**274.** Il-ħati ta' serq li jsir flimkien ma' offiża fuq il-persuna jeħel –

(*a*) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn erba' snin sa tnax-il sena;'

Waqt li l-artikolu 218 tal-Kap 9 jgħid hekk:

**'218.** (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin –

(*a*) jekk tikkaġuna debbulizza **permanenti** fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett **permanenti** f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda **permanenti** tal-moħħ;

(*b*) jekk iġġib sfreġju gravi u **permanenti** fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;

(*ċ*) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.

(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu **permanenti** wkoll *jekk x'aktarx ikunu hekk*.'

Minħabba li hemm referenza għall-artikolu 274(a) tal-Kap 9 fil-parti akkużatorja, jidher li l-Avukat Ġenerali kellu f'moħħu t-tip ta' offiżi gravi li jaqgħu taħt l-artikolu 218. Il-Qorti qed teskludi li fl-atti hemm xi referenza għall-paragrafu (ċ) tal-artikolu 218 (1). Fis-sub-paragrafi (a) u (b) hemm enfasi fuq il-permanenza tal-offiża tant li f'erbat ivrus, il-kelma 'permanenti' tidher erba' darbiet waqt li l-leġislatur saħansitra ta' kważi definizzjoni ta' xi tfisser 'permanenza' fis-subinċiż(2) tal-istess artikolu.

Waqt li li l-Avukat Ġenerali uża l-kelma 'gravi' darbtejn fin-narrattiva, imkien ma hemm riflessa l-permanenza tal-offiża. Ir-referenza għaċ-ċertikat mhix biżżejjed.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni fis-sens li l-parti narrativa għandha tkun
korretta sabiex turi l-kwalita' ta' offiża jew offiżi li allegatament sofriet il-vittma.

**It-Tieni Eċċezzjoni – Piena Skorretta minħabba li fil-parti narrativa ma jirriżultax li l-allegata offiża ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 u ma kienx indikat inżul fil-piena għax ma ssemmiex l-artikolu 41(1)(a)**

Fil-fat din it-tieni eċċezzjoni tgħid hekk:

'Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' tal-ewwel eċċezzjoni, il-piena mitluba fl-Ewwel Kap tal-att tal-akkuża ma hix korretta fl-ewwel lok in vista tal-fatt li mill-parti narrativa ma jirriżultax li l-allegata offiża ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali u fit-tieni lok, peress li ma tteħidx qies tal-inżul fil-piena previst fl-artikolu 41(1)(a) tal-istess kodiċi liema artikolu ma ġiex oriġinarjament indikat mill-Avukat Ġenerali.

Din l-eċċezzjoni hija dwar il-piena u tinqasam fi tnejn. L-ewwel parti terġa' tirreferi għall-ewwel eċċezzjoni minħabba li fin-narrativa ma jirriżultawx il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218. Iżda, jekk l-Avukat Ġenerali jagħmel il-bidla msemmija mill-Qorti hija u teżamina l-ewwel eċċezzjoni, allura ma jkunx hemm raġuni aktar għal din il-parti tal-eċċezzjoni.

Dwar it-tieni parti tal-eċċezzjoni – in-nuqqas ta' referenza għall-artikolu 41(1)(a), l-akkużat bilfors qed jirreferi għat-tentattiv ta'serq għax għal dak li huwa offiża gravi n-narrativa tal_Ewwel Kap ma titkellimx dwar tentattiv iżda dwar reat komplet. Min-naħa l-oħra fil-parti narrativa jingħad hekk:

**‘Hi minn hemmhekk qasmet għal fuq mejda ta’ Cafe’ Cordina u wara madwar ħames minuti l-akkużati Vella u Agius aggredew lil Maria Muscat nee Briffa u bil-ħsieb li jikkommettu delitt ta’ serq aggravat urew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi ġibdulha l-ġiżirana tad-deheb li kienet liebsa dak il-ħin. Filfatt din il-ġiżirna tqaċċtet minn fuq il-persuna tal-vittma u hi sfat mitfugħa mal-art bis-siġġu b’kollox fejn sofriet ferita gravi f’minkbejha apparti tbenġil fil-parti leminija ta’ ġisimha.’**

Minħabba li dan l-Ewwel Kap huwa kkonċentrat fuq tentattiv ta’ serq, il-Qorti qed tilqa’ din l-eċċezzjoni li għandu jkun hemm referenza għall-artikolu 41(1)(a) u bdil fil-parametri tal-piena minħabba l-inklużjoni tal-artikolu msemmi.

**It-tielet eċċezzjoni - Nullita’ tat-tieni Kap (Offiża Gravi) fil-parti narrativa ma kienx indikat li l-allegata offiża ġġib il-konsegwenzi msemmijin f’dak l-artikolu.**

L-Avukat Ġenerali juża l-kliem ‘debulizza permanenti’ fit-tieni paragrafu darbtejn u l-istess jagħmel fit-tielet paragrafu ta’ dan il-Kap. Biss fil-parti narrativa (l-ewwel paragrafu), hemm dan il-kliem:

‘ġiet ċertifikata li qed tbati minn ġrieħi ta’ natura gravi’.

Fil-fehma tal-Qorti dan il-kliem ma jindikax biżżejjed l-element ta’ permanenza li jidher fl-artikolu 218. Għalhekk il-Qorti qed tilqa’ din l-eċċezzjoni u għalhekk tordna lill-Avukat Ġenerali sabiex fil-parti narrattiva jinkludi dettalji biżżejjed li jindikaw il-konsegwenzi assoċjati mal-artikolu 218 tal-Kap 9.

**Ir-raba’ eċċezzjoni – Identification Parades li ma sarux skont il-Liġi**

Ir-raba’ eċċezzjoni hija din:

‘L-inammissibilita’ tal-identification parades, id-dokument maħghom konnessi u kwalsiasi referenza għall-istess identification parades da parti tax-xhieda in kwantu dawn l-identification parades ma sarux skont il-Liġi.’

Skont id-difiża ma sarx proces verbal mill-Maġistrat li mar fuq il-post. Għalhekk l-identification parade fiha nnifisha u dak kollu li għandu x’jaqsam magħha għandu jitqies bħala inammissibbli.

Il-Qorti eżaminat l-artikolu 74 tal-Kap 164 li jesiġi li l-identification parade titmexxa minn Maġistrat. Imkien ma jgħid li jrid isir xi proċes verbal għalkemm xi wħud mill-Maġistrat jagħmlu tali proċes verbal. Imma l-proces verbal mhux neċessarju ad validitatem. Barra minn hekk a fol 77, l-Ispettur Michael Mallia mhux biss xehed dwar il-preżenza tal-Maġistrat Dr Anthony Vella talli ta d-dettalji kollha ta’ kif saret l-identification parade u ppreżenta wkoll id-dokumenti li soltu jkunu ppreżentati. Il-fatt li dawn ma kinux inklużi fi proces verbal ma jġib ebda nullita’. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni.

**Il-Ħames Eċċezzjoni – Il-Lingwa tax-xhieda ta’ Dr Paul Scarrow ma tteħditx bil-lingwa tal-Proċeduri.**

Il-ħames eċċezzjoni hija din:

‘L-inammissibilita’ tax-xhieda ta’ Dr Paul Scarrow MD fl-istruttorja in kwantu ma ttiħditx bil-lingwa tal-proċeduri in kwantu ma saritx bid-debita traduzzjoni kif ordnat mill-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tat-3 ta’ Ġunju 2011, salv, l-ammissibilita’ tal-eventwali xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti.’

Huwa veru li fil-proċess teżisti l-verżjoni bl-Ingliż ta’ dan ix-xhud u mhux traduzzjoni għall-Malti. Imma l-Qorti mhix tilqa’ din l-eċċezzjoni għal dawn ir-raġunijiet:

a) L-ewwelnett il-Kap 189 imkien ma jsemmi nullitajiet ta’ proċeduri minħabba xi nuqqas ta’ traduzzjoni;

b) Dan ix-xhud għadu jista’ jixhed fil-ġuri u tingħata verżjoni bil-Malti.

c) Din il-Qorti kif preseduta tat digriet dettaljat ħafna dwar din il-kwistjoni tal-użu tal-Lingwa Ingliża fl-4 t’Ottubru 2011 fl-ismijiet ‘Ir-Repubblika versus  Adele Marianna Creta’ fejn kienet ċaħdet tali nullita’ ta’ proċeduri sħaħ u qed tagħmel referenza għar-raġunijiet hemm mogħtija a skans ta’ ripetizzjoni żejda.

**L-eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali b’referenza għan-Nota ta’ Christopher Agius.**

Illi l-ewwel eċċezzjoni hija dwar l-ammissibilita’ ta’ xhieda elenkati min-numru 1 sa 7 minħabba li minn imkien ma tidher li d-depożizzjoni tagħhom tista’ tkun relevanti għall-mertu għax imkien ma huwa indikat l-oġġett tal-prova.

Il-lista tindika xi persuni li jaħdmu f’xi oqsma soċjali bħal Probation Centre, Id-Detox Centre, u l-Caritas.  Oħrajn ma hemm ebda detall għalfejn jinsabu fil-lista.  S’intendi xi wħud jistgħu jixhdu bħala character references, jekk ikun hemm il-ħtieġa.  Il-Qorti qed tilqa’ din l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

It-tieni eċċezzjoni hija dwar ix-xhud Ryan Vella.  L-Avukat Ġenerali kellu raġun meta ta din l-eċċezzjoni għax kienet għadha ma saret ebda separazzjoni tal-ġudizzju. S’intendi, skont ġuriprudenza kostanti,  biex jixhed dan ix-xhud, il-proċeduri tiegħu jridu jkunu ntemmu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------